MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**LAURENCE QUINTANO**

Seduta tal-21 ta' Jannar, 2009

Numru 400/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jesmond J Borg)**

**Versus**

**Philip Damato u**
**Raymond Damato**

Il-Qorti

1. Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra

Philip Damato ta’ 40 sena bin Carmelo u Philippa nee Camilleri mwieled tal-Pieta’ fl-1 ta’ Ottubru 1966 li joqgħod Shamrock Court Andrea Flats Flat 1 Triq Mons. A. Cilia Żebbuġ detentur tal-karta tal-identita’ numru 2267 (M)

Raymond Damato ta’ 45 sena bin Carmelo u Philippa nee Camilleri mwieled tal-Pieta’ nhar it-12 ta’ Novembru 1959

u li joqgħod Sqaq Numru 1 Triq is-Siġġiewi Żebbuġ detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 764959 (M)

Akkużati talli:

a) Nhar l-4 ta' Mejju 2007 għall-ħabta tat-8.00 am ġewwa Ħaż-Żebbuġ, bi vjolenza jew b'theddid, ġegħilu ufficjali pubbliċi li jagħmlu jew ma jagħmlux xi ħaġa li għandha x'taqsam mal-kariga tagħhom (Artikolu 91 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta)

b) U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkosgtanzi inġurjaw, heddu, jew għamlu offiża fuq il-persuni ta' PS 358 Malcolm Bondin u PC Mario Deguara bħala persuni inkarigati skond il-Liġi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qed jagħmlu jew minħabba li kienu qed jagħmlu dan is-servizz, jew bil-ħsieb li jbeżżgħuhom jew jinfluwixxu fuqhom kontra l-Liġi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz (Artikolu 95 tal-Kap 9);

ċ) U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi għamlu lil ħaddieħor inġurji jew theddid bil-mewt; (artikolu 339(e) tal-Kap 9)

d) U aktar talli kisru l-buon ordni u l-paċi pubblika b'għajjat u ġlied; (artikolu 338(dd);

e) U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi qalu fil-pubbliku kliem oxxen jew indiċenti jew għamlu ġesti oxxeni jew b'xi mod ieħor li mhux provdut fil-Kodiċi offenda l-morali u l-imġiba xierqa jew id-deċenza pubblika; (artikolu 338(bb))

**Lil Raymond Damato waħdu.**

f) Talli rema', tefa', ħalla, jew xort'oħra iddepożita xi żibel f'post pubbliku, triq jew spazju miftuħ li għalih il-pubbliku għandu aċċess (A.L. 344/2005 4, 10(3) Skeda 2i))

g) U aktar tali saq vetturti tal-għamla Ford Transit bin-numru tar-reġistrazzjoni KAS – 853 u ieħor tal-għamla

Ford Transit bin-numru tar-reġistrazzjoni CAT 629 mingħajr ma kienu liċenzjati għat-triq;

h) u aktar talli kellu sikkina mingħajr liċenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;

**Lil Philip Damato waħdu**

i) Talli sar reċidiv b'diversi sentenzi mogħtija mill-Qratital-Maġistrati (Malta) liema sentenzi huma definittivi u ma jistgħux jitħassru.

2. Il-Qorti ntalbet ukoll sabiex f'każ ta' ħtija tipprovdi għas-sigurta' ta' PS 358 Malcolm Bondin u ta' PC 546 Mario Deguara u Mario Abela skond l-artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

3. Rat l-atti kollha tal-proċess inklużi l-kunsens tal-Avukat Ġenerali (fol.26) u dak tal-imputati sabiex dawn il-proċeduri jkunu sommarji (fol.25), iċ-ċertifikati tat-twelid tal-imputati li jġibu n-numru 22 tal-1967 u 7649 tal-1959, l-istqarrijiet tal-imputati (fol 33 u 35 rispettivament), il-fedini penali tagħhom, il-current incident report (fol 50), il-mus elevate minn għad Raymond Damato (fol.58), is-sentenza mogħtija fil-konfront ta' Philip Damato fis-27 ta' Frar 2007 (multa Lm100)(fol.64), u s-sentenza mogħtija fil-konfront ta' Philip Damato u Raymond Damato fis-27 ta' Ottubru 2007 mill-Maġistrat Dr.Anthony J Vella, (applikazzjoni tal-artikolu 22 tal-Kap 446) (fol 69).

4. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament

5. Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli Prosekutur u tal-abbli Difensur.

6. L-Ispettur Jesmond J Borg xehed li fl-4 ta' Mejju 2007 PS 358 Malcolm Bondin kien nnota żewġ vannijiet pparkjati fejn xulxin – KAS 853 u CAT 629 – li fuqhom kellhom skart tal-ħadid u injam. (Fol.29). Raymond Damato kien innutat iwaddab il-pellets tal-injam fit-triq.

Mal-windscreens ma kienx hemm liċenzja valida mwaħħla.

7. Wasal fil-post **Philip Damato** li malli sar jaf li kienu sejrin jitteħdu proċeduri kontra ħuh, fetaħ il-bieba tan-naħa tax-xufier tal-vann tiegħu u beda jgħajjat u **jidgħi** f'wiċċ il-Pulizija. Huwa ta daqqa bil-pala t'idu fuq il-vettura tas-servizz.

8. It-tnejn bdew joffendu lill-Pulizija u bdew jheddu lil Mario l-Boċċu li ser joqtluh jew iħanxrulu għonqu u jaqilgħulu għajnejh bil-mus. Lill-Pulizija komplew joffenduhom u jhedduhom li ser ipattuhielhom. A fol.60 l-ispettur ppreżenta żewġ sentenzi u għaraf lill-imputat Philip Damato għax hu kien l-uffiċjal Prosekutur.

**L-Istqarrija ta' Philip Damato**

9. Fl-istqarrija tiegħu **Philip Damato** qal li lis-surġent kien qallu biex jaħfer lil ħuh Raymond. Huwa skuża ruħu u jekk kien għajjat, dan għamlu għax minnu jgħajjat. Huwa ċaħad li kien hedded lill-Pulizija u lil Mario l-Boċċu.

**L-Istqarrija ta' Raymond Damato**

10. Min-naħa l-oħra fl-istqarrija tiegħu **Raymond Damato** qal li huwa kellu żewġ ħadidiet li kien qed iħotthom minn vettura għal oħra. L-injam kien qed jgħabbih fil-vann. Lis-surġent kien talbu biex jaħfirlu. Huwa nnega kull imputazzjoni ta' theddid. Dwar il-vann huwa qal li kien tiegħu u kien **ħarġu minn ġol-garaxx** biex jitfa' l-ħadid band'oħra.

11. Mix-xhieda ta' PS 358 Malcolm Bondin jirriżulta kien ra żewġ vetturi Ford Transit – KAS 853 u CAT 629) pparkjati f'nofs ta' triq. Huwa kien ra lil Raymond Damato jitfa' pellet minn fuq il-vann u jitfagħha għal mal-ħajt. Il-Pulizija marru biex iwaqqfuh milli jkompli jitfa' l-injam. Il-persuna qalet li kienet waqqgħetilha iżda fil-fatt fl-art kien hemm pellet oħra mormija. L-imputat ġabarhom. Il-vettura kienet bla liċenzja u l-imputat qallu li ma kellux polza tal-assigurazzjoni mħallsa.

12. Wasal Philip Damato li talab lis-surġent biex ma jittiħdux passi kontra ħuh. Philip Damato fetaħ il-bieba fejn kellu x-xufier u beda jgħajjat f'wiċċu. Fl-istess ħin Raymond Damato qabad u ta daqqa ta'ponn fuq il-bonnet tal-karozza u sar aggressiv max-xhud. Kien hemm dagħa u theddid. Bdew iwaħħlu f'Mario l-Boċċu li rraporthom. Huma bdew jgħajru u jheddu lil Mario l-Boċċu. Waqt tfittxija fuq il-persuna ta' Raymond Damato nstab mus fil-but tiegħu. Lix-xhud bdew jhedduh li sejrin itajruh minn ħaż-Żebbuġ u li kienu ser ikellmu lill-Kummissarju tal-Puliziija. Heddewh ukoll li kienu ser isibuh.

13. Fil-kontro-eżami x-xhud qal li l-imputat mill-ewwel kien neħħa l-injam mit-triq kif ukoll poġġa l-vetturi fil-garaxx. **L-imputat qal li liċenzja ma kellux iżda insurance kellu. (fol.48).**

14. Xehed ukoll Mario Abela li qal li Philip Damato beda jheddu li ser jaqlagħlu għajnejh bil-mus u jagħtihomlu f'idejh. Raymond Damato ma kienx heddu.

15. Xehed PS 238 Michael Carter li qal li Raymond Damato ID 764959 (M) ma kellux liċenzja biex iġorr xi armi. (fol.62).

16. Xehed Christopher Darmanin li qal l-vettura tal-għamla Ford Transit KAS 853 ta' kulur aħdar kien tgħajjat lil Raymond Damato u kellu l-liċenzja mħallsa sa Novembru tas-sena 2006. L-Insurance kienet imħallsa sat-30 ta' Novembru 2008. Il-vettura l-oħra hija CAT 629 Ford Transit. Is-sid (mit-13 ta' Frar 2007) huwa l-imputat Raymond Damato u l-liċenzja kienet imħallsa sal-31 ta'Marzu 2007. L-insurance għalqet magħha. (Ara wkoll fol.81 u 82). (**L-inċidenti seħħu fl-4 ta' Mejju 2007)**

17. Xehed Joseph Mula, rappreżentant ta' Elmo Insurance. Huwa qal li l-vettura KAS 853 tal-marka Ford Transit kienet fuq Raymond Damato u kienet inxurjata sat-30 ta' Novembru 2007. Il-CAT 829 Ford Transit kienet ukoll fuq Raymond Damato u kienet inxurjata sas-6 ta'

Frar 2007 pero' imbagħad kienet imħallsa fil-11 t'April 2007 u minn hemm bdiet tgħodd.

18. Xehed ukoll PC 546 Mario Deguara (Fol.81 et) Huwa qal li kienu raw lil Raymond Damato bil-pellets f'idu waqt li ieħor kien diġa' ramieh. X'ħin avviċinawh huwa qal li kien ramieh bi żball u reġa' ġabru. Huma innutaw li ma kellux liċenzja fuq il-windscreen. **L-imputat kien qal li insurance kellu għalkemm liċenzja ma kellux.**

19. Imbagħad ħareġ Philip Damato li kien mgħarraf li kienu raw lil ħuh jarmi l-pellets. Huwa qalilhom biex jippruvaw jirranġaw u imbagħad jieħu ħsiebhom hu. (fol.86). Huwa baqa' jinsisti biex jaħfrulu lil ħuh. **Philip Damato qabad jidgħi u beda jheddu bil-familja tiegħu.** L-imputat l-ieħor sar aggressiv ukoll u ta daqqa b'idu fuq il-bonnet. It-tnejn bdew joffenduhom u jheddu lilhom u lil tal-familja tagħhom. Lil Mario l-boċċu, Philip Damato heddu li ser jaqlagħlu għajnejh.

20. Xehed ukoll Joseph Mula, rappreżentant ta' Elmo Insurance. Dan qal li l-vettura KAS 853 tal-marka Ford Transit kienet inxurjata ma' Elmo Insurance f'isem Raymond D'Amato. Kienet inxurjata fl-1 ta' Diċembru 2004 u kienet inxurjata sat-30 ta' Novembru 2007.

21. Kien hemm ukoll il-karozza CAT 829 Ford Transit li kien inxurjat mis-6 ta' Frar 2007 għalkemm il-ħlas sar fil-11 t'April, 2007.

22. Xehed ukoll PC 546 Mario Deguara li ra l-vetturi KAS 853 u CAT 629 kienu biswit xulxin. Dawn kien fihom xi ħadid u njam. Raymond Damato kellu l-pellets f'idu u ieħor kien diġa' remieh. X'ħin avviċinawh dan qal li kien remieh bi żball. Kien innutat ukoll li ma kellux liċenzja mwaħħla mal-windscreen. Imbagħad ħareġ Philip Damato li qalilhom biex jippruvaw jirranġaw u biex jaħfru lil ħuh. Philip Damato qabad jidgħi u joffendi lix-xhud. Fetaħ il-bieba b'negliġenza kbira, offenda lix-xhud bil-familja u heddu li kienu ser ipattuha u li l-affarijiet ma kinux ser jieqfu hemm. Hawn l-imputat Raymond Damato sar aggressiv ukoll u ta daqqa fuq il-bonnet bil-pala t'idu.

Baqgħu jheddu u joffendu. Philip Damato beda jhedded ukoll lil Mario l-Boċċu. It-tnejn kienu aggressivi. (fol.86).

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

**Dwar l-ewwel Imputazzjoni**

23. Bl-aġir tagħhom l-imputati ppruvaw ifixklu lill-uffiċjali pubbliċi milli jaqdu dmirhom. M’hemm ebda dubju li kienu ż-żewġ imputati li heddu liż-żewġ uffiċjali sew bil-kliem sew bid-daqqiet tal-pala tal-id fuq il-karozza tas-servizz. Philip Damato beda biex jitlob li lil ħuh jaħfrulu iżda meta ra li l-uffiċjali riedu jagħmlu rapport, allura ntilef. Wara kien megħjun minn ħuh f’dan l-aġir. Kliem kontra l-familja, kliem din mhix ser tieqaf hawn jew li dan ipattuh huwa kliem ta’ theddid kif inhu theddid dak li ntqal lil Mario Abela. Ukoll l-aggressjoni fuq il-karozza tas-servizz hija wkoll theddida. L-għan kien li jgegħlu ‘l-Pulizija ma tiħux passi wara li Raymond Damato nqabad iwaddab il-pellets. F’dan il-għan huma ma rnexxilhomx għaliex il-proċeduri baqgħu mexjin. Għalhekk il-Qorti qed issib lill-imputati ħatja ta’ tentattiv ta’ dan ir-reat skond l-artikoli **41(1)(a) u 91 tal-Kap 9** liema reat ta’ tentattiv huwa kompriż u involut fl-artikolu 91 tal-KAp 9.

**Dwar it-Tieni Imputazzjoni**

24. Din l-imputazzjoni hija wkoll ippruvata għax m’hemmx dubju li l-imputati heddu lil żewġ uffiċjali tal-Pulizija waqt il-qadi ta’ dmirijiethom. Dan huwa reat skond l-artikolu 95 tal-Kap 9 iżda dan huwa assorbit fl-ewwel imputazzjoni ai termini tal-artikolu 17(h) tal-Kap 9.

**Dwar it-Tielet Imputazzjoni**

25. Din hija wkoll ippruvata fil-konfront kemm tal-Uffiċjali tal-Pulizija kif ukoll ta’Mario Abela għaliex lil din il-persuna Philip Damato heddidha li ser jaqlgħalha għajnejha. Din il-kontravenzjoni (artikolu 339(e) tal-Kap 9). Hija assorbita fl-ewwel imputazzjoni vis a vis l-Pulizija iżda mhux vis a vis Mario Abela u dan fil-konfront ta’ Philip Damato biss.

**Dwar ir-Raba' Imputazzjoni**

26. L-aġir tal-imputati kiser il-paċi pubblika għax huma heddu jew għajtu f'nofs ta' triq. Għalhekk il-Qorti qed issibhom ħatja ta' din l-imputazzjoni (338 (dd)). Iżda din il-kontravenzjoni hija wkoll assorbita fl-ewwel waħda ai termini tal-artikolu 17(h) tal-Kap 9.

**Dwar il-Ħames Imputazzjoni**

27. Mix-xhieda ta' PC 546 Mario Deguara jirriżulta li ż-żewġ imputati Waqt li l-imputati għajtu, heddu u offendew lill-Pulizija bil-kliem. Għalhekk il-Qorti issib liż-żewġ imputati ħatja tal-ħames imputazzjoni ai termini tal-artikolu 338(bb) tal-Kap 9 liema imputazzjoni hija wkoll assorbita fl-ewwel waħda ai termini tal-artikolu 17(h) tal-Kap 9.

**Dwar is-Sitt Imputazzjoni – Raymond Damato waħdu**

28. L-inkwiet kollu beda propju minħabba li dan l-imputat kien qed jarmi l-pellets. Minkejja l-iskużi li ppruva jġib il-Prosekuzzjoni kellha raġun twaqqfu u tieħu l-passi. Ir-reat tal-imputat huwa ppruvat mix-xhieda okulari li raw x'kien qed jiġri u xehdu bil-ġurament fuqha. Biss jidher li sal-mument meta twaqqaf kien rema pellet wieħed u konsegwentement japplikaw r-regolamenti 4 u 10(1) tal-Avviż Legali 344 tas-sena 2005. Għalhekk il-Qorti qed issib lil Raymond Damato ħati tal-ksur tar-regolamenti 4 u 10(1) tal-Avviż Legali 344 tas-sena 2005.

**Is-Seba' Imputazzjoni – Raymond Damato waħdu.**

29. Id-difiża ssottomettiet li ħadd ma ra lil Raymond Damato jsuq. L-ewwelnett il-vetturi kienu barra u skond l-imputat stess fl-istqarrija tiegħu a fol 36. Huwa qal:

***'Dak il-vann m'għandux liċenzja. Ma tantx noħorġu mill-garaxx. Ħriġtu sabeix inġorr xi ħadid biex nitfagħhom in-naħa l-oħra.'***

Għalhekk ex-admissis l-imputat kien ħareġ dawn il-vannijiet u ma kinux fil-garaxx. Il-liċenzja tal-vettura KAS

853 kienet skadiet fit-30 ta' Novembru 2006 u sas-6 ta' Ġunju 2007 kienet għadha mhix rinnovata. Il-liċenzja tas-CAT 629 kienet rinnovata f'Mazu 2006 u kienet tkopri sal-31 ta' Marzu 2007. (fol.82). Għaldaqstant, fl-4 ta' Mejju 2007, ma kienx hemm liċenzja la fuq il-vettura KAS 853 u lanqas fuq il-vettgura CAT 629. Għaldaqstant il-Qorti ssib li l-imputat kellu barra żewġ veturi jgħajtu lilu u li ma kellhomx liċenzja tas-sewqan. Dan bi ksur tal-artikolu 55(1) proviso u t-Tieni Skeda tal-Kap 65.

**It-Tmien Imputazzjoni – Raymond Damato biss**

30. Dan il-mus kien elevati mingħand dan l-imputat nhar l-4 ta' Mejju 2007 u kien ppreżentat mill-Ispettur J.J.Borg kif jidher mill-elenku tal-oġġetti miġjuba waqt il-kumpilazzjoni. Biss ma saret ebda prova li dan il-mus kien itwal minn 8 ċentimetri. (Ara artikol 6 u 7 tal-Att XIV tas-sena 2005). Għaldaqstant il-Qorti ssib lill-imputat mhux ħati ta' dina l-imputazzjoni .

**Id-Disa' Imputazzjoni – Philip Damato Biss.**

31. Kien ippruvat li l-imputat Philip Damato kien reċidiv bis-sentenza (a fol.64) fl-ismijiet 'Il-Pulizija versus Philip Damato' mogħtija fis-27 ta' Frar 2007[1] u li fiha kien ikkundannat multa ta' Lm100. Għaldaqstant il-Qorti qed issib lill-imputat Philip Damato ħati ta' din l-imputazzjoni u dan ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9.

**Konklużjoni.**

**(1) Fil-konfront ta' Philip Damato:**

**Il-Qorti, wara li rat l-artikoli 41(1)(a), 91, 95, 339(e), 338(dd), 338(bb) 49 u 50 tal-Kap 9 qed issib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet (a)(b)(ċ)(d)(e) u (i) b'dan pero' li (a) fl-ewwel imputazzjoni qed jinsab ħati ta' tentattiv, liema reat huwa kompriż u involut fl-artikolu 91; u (b) l-imputazzjonijiet (b)(ċ)(d) u (e) huma assorbiti fl-ewwel**

[1] Is-sentenza l-oħra kienet ksur tal-kundizzjoni u għalhekk ma tgħoddx għar-reċidiva.

**imputazzjoni ai fini tal-artikolu 17(h) tal-kap 9. Il-Qorti li rat il-fedina penali tal-imputat li turi li tliet xhur biss qabel seħħ l-inċident l-imputat kellu kundanna għal każ simili. L-imputat ma jidhirx li tgħallem u galhekk qed tikkundanna lil Philip Damato għal piena ta' priġunerija ta' tliet xhur effettivi li minnhom għandu jitnaqqas kull żmien li għadda taħt arrest preventiv**

**(2) Fil-konfront ta' Raymond Damato:**

**Il-Qorti, wara li rat l-artikoli 41(1)(a), 91, 95, 338(e), 338(dd), 338(bb) tal-Kap 9 kif ukoll l-artikolur-regolamenti 4 u 10(1) tal-Avviż Legali 344 tas-sena 2005, l-artikolu 55(1)proviso u t-Tieni Skeda tal-Kap 65, u l-artikolu 6 tal-Att XIV tas-sena 2005, qed issib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet (a), (b)(ċ)(d)(e)(f)u (ġ)u u qed tilliberah mill-imputazzjoni (h) b'dan pero' li:**

**(a) fl-ewwel imputazzjoni qed issibu ħati ta' tentattiv, liema reat huwa kompriż u involut fl-arikolu 91; u**

**(b) l-imputazzjonijiet (b)(ċ)(d)(e) huma assorbiti fl-ewwel imputazzjoni ai termini tal-artikolu 17(h) tal-Kap 9;**

**(ċ) L-imputazzjonijiet (f) u (ġ) mhumiex assorbiti.**

**Il-Qorti fliet sew il-fedina penali tal-imputat u jdiher li din mhix l-ewwel darba li kellu xi jgħid direttament mal-Pulizija. Għaldaqstant qed tikkundannah għal tliet xhur priġunerija li minnhom għandu jitnaqqas kull żmien li għadda taħt arrest preventive kif ukoll għall-ħlas ta' tliet ammendi ta' €116.50, €69.85 u €69.85 li flimkien jammontaw għal €256.20.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------